# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha**
**wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2019**

**Rikors Numru 1107/18 FDP**

Fl-ismijiet

**Raniero Paul Borg**
**(ID 426977M)**

**Vs**

**Prime Aluminium Limited**
**(C-72869)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Novembru 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti talab is-segwenti:

   *Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tal-esponent fis-somma ta' sitta u tletin elf, mija u għaxar Euro u ghoxrin centezmu (€36,110.20) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' freighting u servizzi ohra relatati rezi mill-esponent favur is-socjeta' konvenuta.*

   *Illi s-socjeta' konvenuta waqfet hesrem thallas l-ammonti minnha dovuti mingħajr ebda raguni valida u minkejja d-diversi wegħdiet tagħha, u*

*minkejja d-diversi talbiet tal-esponent, is-socjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallset xejn aktar.*

*Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tigi deċiza bid-dispensa tas-smiegħ tagħha billi safejn taf l-esponenti, il-konvenut m'għandux eccezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet taghha.*

*Għaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta tħallas lill-esponent is-somma ta' sitta u tletin elf, mija u għaxar Euro u għoxrin centezmu (€36,110.20) rappreżentanti prezz ta' servizzi rezi mill-esponent favur is-socjeta' konvenuta liema somma hija dovuta kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1680/2018 u mandat ta' qbid 1681/2018 it-tnejn fl-ismijiet premessi, u bl-imgħaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta sad-data tal-pagament effettiv, inġunta minn issa ghas-subizzjoni.*

2. Rat l-affidavit tar-rikorrenti Raniero Paul Borg pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur.

3. Rat illi fit-12 ta' Novembru 2018 din il-Qorti, diversament ippresjeduta, appuntat il-kaz ghas-smiegh ghat-30 ta' Jannar 2019.

4. Rat illi fit-30 ta' Novembru 2018, il-Qorti awtorizzat lir-rikorrent jinnotifika s-socjeta' intimata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. (fol 10).

5. Rat illi fil-5 ta' Dicembru 2018, is-socjeta' intimata ġiet notifika b'affissjoni ġewwa l-indirizz taghha KW38, Corradino Industrial Estate, Paola, kif ukoll l-Ghassa ta' Rahal Gdid u l-Kunsill Lokali ta' Rahal Gdid. (fol 14)

6. Rat illi fl-14 ta' Jannar 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (fol 16).

7. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2019 saret il-pubblikazzjoni fuq gazzetta lokali Times of Malta (fol 20).

8. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti, kif komposta, hadet konjizzjoni tal-kaz odjern.

9. Rat illi, msejjħa diversi drabi, s-socjeta' intimata ma dehritx u r-rikorrenti talab illi l-Qorti tmur ghas-sentenza abbażi tal-affidavit tiegħu pprezentat kontestwalment mal-proceduri odjerni.

10. Rat ili ma jezisti ebda raġuni ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghad-decizjoni minnufih bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 (1) u 170 (1) tal-Kap 12.

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti kollha processwali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta' konvenuta Prime Aluminium Limited tħallas lill-esponent Raniero Paul Borg is-somma ta' sitta u tletin elf, mija u għaxar Euro u għoxrin centezmu (€36,110.20) rappreżentanti prezz ta' servizzi rezi mill-esponent favur is-socjeta' konvenuta u qatt imħallsa;

**Bl-ispejjez** kif mitluba kontra s-socjeta' intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**